MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1120/1995/1

**Maurice Vassallo**

**Vs**

**Adrian Borg B.A. L.P. ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid Med Bank Ltd u b'nota tal-22 ta' April 1998, l-isem ta' din is-socjeta' inbidel ghal Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tat-28 ta' Ottubru 1999 l-isem tas-socjeta inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur dik s-somma likwidata minn din il-Qorti bhala penali minhabba li hareg mandat ta' impediment ta' partenza numru 2022/92 fl-ismijiet PL Adrian Borg noe vs Maurice Vassallo Eminian liema mandati inhareg vessatorjament skond l-Artikolu 866 tal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li d-debitu dovut lill-konvenut kien ta' inqas minn Lm250.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine (fol 6 tal-atti) u li bih eccepixxa:-

1. It-talba attrici ghal likwidazzjoni u hlas ta' penali hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-mandat ta 'impediment ta' partenza numru 2022/92 inhareg fil-25 ta'Gunju 1992 meta l-ammont dovut mill-attur lill-bank konvenut kien jeccedi s-somma ta' Lm250, u ghalhekk inhareg regolarment u skond il-ligi.

2. Illi kien biss fil-25 ta'Jannar 1995, meta sar pagament akkont mill-attur ta' Lm185, illi l-ammont dovut lill-bank konvenut sar inferjuri ghal Lm250. Sussegwentement il-bank konvenut bi zvista talab proroga tal-mandat izda immedjatament li induna bl-izball wara t-talba tal-attur b'ittra tal-25 ta' Lulju 1995 pprezenta l-kontro mandat numru 3240/95 fis-27 ta' Lulju 1995., Ghalhekk ukoll ma jezistux ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 866(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet u osservazzjonijiet tal-partijiet rispettivament a fol 56 u a fol 67 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-fatti in esami ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Difatti <u>l-istess attur</u> (fol 11 et seq ibid) xehed illi kien minnu li meta il-konvenut nomine ottjena l-hrug tal-mandat ta' impediment tas-safar in kwistjoni, kontra l-attur odjern, hu kien debitur vis-à-vis il-Bank imsemmi fis-somma ta '"Bejn l-Lm400 u l-Lm500". In rigward l-istess debitu "Mistoqsi jekk kienetx saritli kawza, jidhirli li iva". Jidher li, in

konnessjoni mal-istess mandat dan kien gie prorogat skond il-ligi, f'diversi okkazzjonjiet "Pero meta saret il-proroga (cjoe l-ahhar wahda) fil-fatt l-ammont li kien ghadu dovut kien xi haga mal-Lm100 stante li kien qed jhallas regolarment l-ammont dovut u, skond l-istess attur, "…… mhix suppost li harget il-proroga kontra tieghi". Hawnhekk hu kien gibed l-attenzjoni tal-konvenut nomine dwar dan il-fatt u dan kien qallu, skond l-istess xhud sabiex "niehu hsieb jien stess naghmel il-kontromandat". Pero, eventwalment wara li ghadda xi zmien "bejn il-proroga u meta fil-fatt gew imnehhija l-mandati" ……. "kien il-bank stess li, filfatt, ghamel a spejjes tal-istess Bank il-kontro mandat relattiv u dan in segwitu li kien kellimhom l-Avukat tieghu" (ara ukoll id-<u>dokumenti</u> esebiti mill-istess attur a fol 15 sa fol 28 tal-istess atti). Dwar il-premess <u>il-konvenut nomine</u> (fol 36, fol 22 u fol 48 et seq ibid) ikkonferma li, wara li kienet presentata inutilment ittra ufficjali kontra l-istess konvenut, kienu gew intavolati, kontestwalment, citazzjoni u l-mandat in esami kontra l-istess konvenut ghall-ammont ta' Lm363.64,0 dovuti fuq facilita ta' 'Eurocard'. Fil-mori tal-kawza, l-konvenut, kontumaci, kien effetwa pagament ta' Lm100 akkont. Wara li inghatat is-sentenza, peress li l-attur odjern ma kienx ghamel xi pagament iehor, kien inhareg mandat ta' qbid esekuttiv u nbdew il-proceduri ta' subasta fuq diversi oggetti mobili. Hawnhekk l-istess attur beda' jaghmel pagamenti akkont ulterjuri waqt li l-mandat in esami kien qed jigi, perjodikament, prorogat flimkien ma numru konsiderevoli ta 'mandati ohrajn estranei ghal dan il-kaz. Minhabba dan il-pagament, l-ammont dovut kien naqas u nizel taht il-Lm250. Hawnhekk wara li l-istess attur kien ikkomunika mal-Bank konvenut u kien infurmah b'dan il-fatt, l-attur gie infurmat, permezz ta' ittra (in atti a fol 33 in fotokopja) illi l-Avukat tal-attur kellu jintavola il-kontro mandat relattiv bil-Bank konvenut konsenzjenti (ara ukoll ir-risposti f'isem l-attur odjern a fol 32 ibid).

Sussegwentement, l-istess Bank iddecieda li jintavola kontro mandat, bl-ispejjes addebitati lill-kont tal-attur. Fl-ahharnett ix-xhud specifika li l-ahhar proroga in konnessjoni mal-mandat in kwistjoni saret fit-2 ta' Mejju 1995 meta l-ammont dovut mill-attur kien nizel ghal

Lm112.73 waqt li l-kontro mandat kien inhareg fis-27 ta' Lulju 1995 meta, kif ghadu sallum, l-attur kien ghadu debitur tal-istess Bank.

Ikkunsidrat

Illi l-avviz in esami jirreferi ghal hrug ta' mandat ta' impediment tas-safar allegatament mahrug vessatorjament skond l-artikolu 866 hemm citat "peress li d-debitu dovut lilek kien ta' inqas minn Lm250".

Illi dan il-mandat fil-perjodu in esami, seta' jinhareg in kawtela ta' kreditrici in eccess ta' Lm250 (ara l-artikolu 861(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Inoltre jinghad illi jekk jirrisulta li dan il-mandat "gie miksub mir-rikorrenti fuq talba maghmula bil-qerq" hemm lok ghal kundanna ghall-hlas ta' penali (ara l-artikolu 864(1) ibid li emenda l-artikolu 866 (1) ibid permezz tal-att XXIV tal-1995). Ta' min isemmi ukoll l-aritkolu 836(8) (d) emendat bl-istess att citat jirreferi ghall-imposizzoni ta' penali f'kaz ta' talba li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja.

Illi dan il-kaz hu basat fuq l-artikolu 866 hawn fuq citat kif ukoll fuq l-artikolu 836(8) (d) tal-istess kodici. Mill-bidu nett ghandu jinghad illi bl-ebda mod ma gie pruvat li l-istess mandat inhareg b'qerq jew b'malizja jew gie ottenut a basi ta' talba frivola jew vessatorja. Difatti jidher car li fid-data tat-talba u tal-hrug tieghu, il-Bank konvenut kien qed jivvanta kreditru, vis-à-vis l-attur, oltre l-minimu rikjest mill-ligi, fil-perjodu in esami. Ghalhekk dak li gie allegat fl-avviz fis-sens li d-debitu dovut …. kien ta' anqas minn Lm250, meta l-mandat inhareg, bl-ebda mod ma hu minnu. Jidher mill-provi li l-istess kreditu kien nizel taht dan il-minimu wara li giet intavolata kawza "ad hoc" u saru diversi prorogi tal-istess mandat. Konsegwentement it-talba kif premessa u proposta ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

---------------------------------TMIEM---------------------------------